TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 186/10

**Jeffrey Sciberras**

**vs**

**Liliana Fabri**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' April, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti depożitu għal servizzi ta' *interior design* liema xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti.

L-intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimata sabiex tagħmillu servizzi ta' *interior design* fid-dar tiegħu, liema xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u għalhekk qiegħed jitlob id-depożitu li ħallas lura.

L-intimata ssottomettiet illi x-xogħol kien sar skond is-sengħa u l-arti, u li kien ir-rikorrenti li ried iwaqqaf ix-xogħol għal raġunijiet tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal jinnota illi kien hemm diżgwid bejn il-partijiet, kif ukoll jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u għandu dritt għal rifużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimata tħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888